**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 431/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**
**vs**
**Yohann Eddy Girondin**
**Leo Gerard Jacques Mathe**

**Illum 12 ta' Lulju,2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

Yohann Eddy Girondin ta' 24 sena, iben Guy u Delphine xebba Faivre, imwieled Bourges nhar is-6 ta' Marzu 1997,residenti Villa Belvedere, Triq zejni,Swieqi u detentur tal- passaport bin- numru 17DF54437

U

Leo Gerard Jacques Mathe ta' 23 sena, iben Igor u Chrystele xebba Regereau, imwieled Le Blanc – Menil nhar is-16 ta' Ottubru 1997 residenti Villa Belvedere, Triq zejni,Swieqi u detentur tal- passaport Franciz bin- numru 20DK81360

U akkuzati talli nhar id- dsatax (19) t'April 2021 ghall- habta ta' bejn il- hamsa u nofs' ta' wara nofsinhar (17:30 Hrs) u sitta u nofs ta' wara nofsinhar (18:30Hrs) minn gewwa portomaso Car Park, Vjal Portomaso San Giljan, Malta

Ikkommettew serq ta' Poker Table', liema serq huwa kkwalifikaw bil- valur, liema valur ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin ewro u sebgha' w tletin centezmu ( £2329,37), ghad- detriment ta' Tumas Gaming Ltd. u/jew ta' xi persuna/i ohra,u/ jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal- artikoli 216(c), 267, 279(a) tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Kif wkoll gew akkuzati talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument ohra iffalsifikati,fid dokumenti fuq imsemmija [kap 9, sec189 tal- ligijiet ta' Malta].

Kif wkoll gew akkuzati talli matul l- istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifikaw xi dokumneti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l-Att dwar l-immigrazzjoni [kap217, sec 32 [1d] tal-Ligijiet ta' Malta ]

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jonathan Cassar qara u kkonferma bil-gurament ic-citazzjoni nhar it-12 ta' Lulju, 2021.

Rat id-dokumenti fl-atti u cioe' kunsens tal-Avukat Generali mmarkata bhala Dok JC1; fedina penali ta' Mathe Leo Gerard immarkata bhala Dok JC2; fedina penali ta' Yohann Eddy immarkata bhala Dok JC3; kopja tal-passaport ta' Mathe Leo Gerard immarkat bhala Dok JC4; kopja tal-passaport ta' Yohann Eddy Girondin immarkat bhala Dok JC5.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar it-12 ta' Lulju, 2021.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jikkonsultaw mal-Avukat taghhom u biex jekk iridu, jistghu jergghu lura minnha u fil-fatt huma regghu tennew l-istess ammissjoni taghhom.

**Decide:**
Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a) u 533(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati **Yohann Eddy Girondin u Leo Gerard Jacques Mathe** hatja, u tapplika l-Artikolu 22 tal- Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront taghhom b'dan li tilliberahom bil-kundizjoni li ma jaghmlu l-ebda reat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Registratur**